MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 1434/1999/1

**Maria Pia Sciberras**

**Vs**

**Carmen Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li tigi zgumbrata l-barra mill-fond bin-numru 107 qabel numerat 90 fi Triq Karlu Manche Gzira fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti u konsegwentament tirrilaxxah liberu vakanti a favur ta' l-attrici u dana stante li qed tokkupa l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi, prevja okkorrendo dikjarazzjoni f'dan is-sens.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 1 ta' Settembru 1999 u bl-imghaxijet legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta’ kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizzju ma jeccedix is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi hija ghandha titolu validu fil-ligi biex tkompli tabita fil-fond 107, Triq Karlu Manche’, il-Gzira, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Isegwi ghaldaqstant illi m’hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex ghandha tirrilxxja l-fond fejn ilha tabita ghal dawn l-ahhar 20 sena.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri nterpellatorji tat-3 ta’ Lulju 1999 u tat-13 ta’ Lulju 1999.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk, jkun opportun illi ssir referenza in sintesi, tal-provi prodotti mill-partijiet involuti f’dan il-kaz.

Illi l-attrici, effettivament, ipproduciet is-segwenti provi:-

a) <u>George Saliba</u> (fol 11 et seq ibid) in rapprezentanza tal-Kummissjoni Elettorali spjega li l-konvenuta kienet applikat, fit-12 ta’ Lulju 1999, sabiex tinbidel ir-residenza taghha, ghall-iskop ta’ votazzjoni. Sussegwentement, f’Ottubru tal-istess sena’, ir-residenza tal-konvenuta fuq il-karta tal-identita taghha kienet inbidlet u giet trasferita <u>minn 83, Triq Moroni, Gzira</u> ghal post indikat fl-avviz ossija 107, Triq Carlo Manche’, Gzira. Fil-fatt minn Ottubru 1999 il-quddiem, il-konvenuta hi registrata fuq il-post in kwistjoni “qua’ ir-residenza taghha. Dwar dan il-punt ghandu jigi notat illi l-imsemmija applikazzjoni kienet saret <u>ftit xhur qabel</u> il-presentata tal-avviz odjern (ara ukoll

id-dokumenti minn fol 13 sa fol 16 tal-atti specjalment fol 13, fol 14 u fol 15).

b) Carmen Falzon Scerri (fol 20 u fol 25 et seq ibid) wara li specifikat li l-attrici hi z-zija ta' omm ix-xhud "verbatim" xehdet "Il-post in kwistjoni kien inkera lil (l)-konvenuta, Carmen Schembri permezz tal-"Housing" u "liz-Zija, tul iz-zmien, dejjem irceviet u accettat il-kera regolarment minghand il-konvenuta". Wara li ghadda certu perjodu ta' zmien, il-konvenuta kienet iddahhlet fl-Isptar minhabba mard. Fl-istess post kienet tirrisjedi oht il-konvenuta "jidhirli li jisimha Carmen, ukoll …" Hawnhekk hi kompliet tghid testwalment "Fost l-ahwa hi kienet thallas il-kera, jidhirli Carmen ukoll, din mietet. Wara l-mewt ta' din meta gew it-tfal tal-mejta sabiex jhallsu l-kera lil Maria Pia Sciberras, din ma accettatx il-kera minn ghandhom". Jigi, hawnhekk sottolineat, illi fix-xhieda taghha, kif moghtija originarjament u traskritta a fol 20 u fol 21, din ix-xhud kienet xehdet b'mod pjuttost konfuz u ghalhekk giet riprodotta, kif risultanti a fol 25 u fol 26 sabiex tikkjarifika u tikkorregi x-xhieda taghha originali. Hawnhekk, hi qalet illi l-inkwilina ormai mejta kienet, filfatt, Antonia Galea, oht il-konvenuta, illi l-attrici kienet taccetta u tircievi l-kera mhux minghand il-konvenuta izda minghand Antonia Galea. Hi kompliet tghid illi l-konvenuta odjerna "… kienet toqghod ma ohtha Antonia Galea". Pero' dwar dan il-punt, hi sostniet "Ridt infisser ukoll li ta' spiss (il-konvenuta) kienet tkun ghandha (Antonia Galea) pero mhix per esempju li torqod maghha".

c) Antonella Axisa (fol 27 et seq ibid) hi tahdem fl-ufficju legali tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma semmiet li mill-1989, il-kontijiet relattivi ghal post in esami kienu jinhargu fuq isem Antonia Galea izda, fil-prezent kienu qed jinhargu fuq isem Carmen Schembri. Dwar sussidju fuq il-konsum ta' ilma li beda jinghata fl-1996, kien hemm, biss, persuna wahda registrata fuq l-istess post.

d) Giovanna D'Arco Borg (fol 29 et seq ibid) li tigi in-neputija tal-attrici u tirrisjedi fil-vicinanzi semmiet li fl-ahhar ta' hajjitha Antonia Galea kienet mardet u ittiehdet fl-Isptar. Meta rritornat lura, ghal ftit ta' zmien fil-post in kwistjoni meta hadu hsiebha t-tfal taghha. Pero regghet ittiehdet fl-Isptar u eventwalment mietet. Hi kompiet thid illi, matul is-snin biss, kien jkun hemm, fl-istess post,

Carmen Schembri, izda din meta Antonia Galea kienet marret fl-Isptar ".. Carmen Schembri ma kienetx tghix fil-post". Difatti din kienet bdiet tabita fl-istess post "wara li kien ghadda xahar mill-mewt ta' Antonia Galea". Filfatt, meta Antonia Galea kienet marida, il-post kien baqa' vojt. Dwar il-kera' wara li mietet Antonia Galea, kienu gew ghandha, sabiex jhallsuha, it-tfal tal-mejta u dawn kienu talbuha sabiex l-istess kera iddur fuq isem Carmen Schembri izda x-xhud kienet talbet li tara l-karta tal-identita ta' din, dan id-dokument ma kienx gie muri lilha ghax "intilfet".

e) <u>Alfred Micallef</u> (fol 38 et seq ibid) mizzewwg lin-neputija tal-konvenuta beda biex jghid illi "Matul is-snin kollha li ili nafha .. jiena nafha toqghod ….." gol-post in kwisjtoni u dan "… ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena". Difatti l-istess konvenuta kienet tghix hawnhekk ma ohtha Antonia Galea, u l-inkwilina li kienet mietet matul is-sena 2000, hawnhekk hu spjega r-raguni ghaliex il-konvenuta kienet registrata ghal vot f'post iehor li hi r-residenza tieghu u dan b'referenza ghal dak li kien xehed, George Saliba (ara "supra'). Hu sostna li kien gie nformat li "jekk (il-konvenuta) tmur tabita ma ohtha hi ma kienetx tkun intitolata ghar-'relief' liema assistenza socjali kienet necessarja ghall-istess konvenuta. Difatti 'ufficjal governattiv' kien tah dan il-parir u ghalhekk il-konvenuta kienet giet registrata bhala residenti fid-dar tal-istess xhud. Eventwalment, wara l-mewt ta' Antonia Galea, il-konvenuta kienet bidlet dak imnizzel fuq il-karta tal-identita' taghhom u giet registrata fuq il-post in kwistjoni (ara ukoll ix-xhieda ta' mart dan ix-xhud, <u>Josephine Micallef</u> a fol 41 u fol 42 ibid) u ta' <u>Maria Assunta Agius</u>, it-tnejn tfal ta' Antonia Galea, (a fol 43 ibid). Dwar dak li ntqal in rigward l-assistenza socjali li tinghata lill-konvenuta, xehdu <u>Raymond Desira</u> u <u>Saviour Mallia</u> (fol 57 u fol 66 et seq ibid) (ara ukoll dak li xehed <u>Carmel Azzopardi</u> (a fol 72 et seq ibid). Filfatt il-konvenuta tiehu u tithallas pensoni non-kontributorja <u>mill-1989</u> (ara fol 59 sa fol 65 ibid), il-quddiem b'allowance' supplimentari mill-1996. Inoltre "F'kaz li persuna … kienet tghix ma xi hadd iehor din ma kienetx titnaqsilha l-pensjoni non-kontributorja bhal f'dan il-kaz … Lanqas ma jaghmel effett il-fatt li jkun hemm xi registrazzjoni f'post differenti minn

dak indikat fl-"ID card". Dwar l-istess kaz, meta l-konvenuta kienet applikat ghal din il-pensjoni, "…din kellha indirizz differenti f'83, Moroni Street fil-Gzira". Pero, permezz ta' ittra bid-data ta-21 ta' Gunju 1999 (ara fol 74 ibid) kien sar bdil fir-residenza cjoe ghall-post in kwistjoni. Skond l-istess ittra, jinghad li l-konvenuta ma ghadhiex tirrisjedi f'Triq Moroni fil-Gzira. Ghandu jigi rilevat, pero, li dawn iz-zewg xhieda ma setghawx jispjegaw "jekk is-sitwazzjoni kienetx b'xi mod differenti xi sena ilu f'kaz li bniedem kien jghix ma persuna ohra".

Ikkunsidrat

Illi dawn huma in sintesi, l-provi prodotti mill-partijiet. Jinghad, pero', "obiter" illi in atti, sallum, ma gietx presentata x-xhieda tal-konvenuta, skond kif ordnata minn din il-Qorti kif jidher a fol 6 u fol 10 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi fin-nota tal-eccezzjonjiet in esami, qed jigi allegat illi l-konvenuta ghandha "titolu validu fil-ligi biex tkompli tabita …" fil-post in kwistjoni, minghajr pero' ma giex spjegat x'kien dan it-titolu.

Illi, pero', mill-provi prodotti, jista' jigi dedott illi l-konvenuta qed tivvanta titolu ta' kera bhala inkwilina protetta a basi tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi f'dan il-kaz, l-"onus probandi" kien jispetta lill-konvenuta billi tipprova illi meta mietet Antonia Galea, l-inkwilina, hi kienet tirrisjedi fl-istess post a basi tat-tifsira moghtija fl-artikolu 2(b) ta' din il-ligi, lill-kelma "kerrej" ossija f'kaz ta' dar ta' abitazzjoni f'nuqqas ta' armel jew armla, "… dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu".

Illi fil-kaz in desamina:-

a) Hu minnu li l-inkwilina gja armla u l-konvenuta xebba, huma ahwa.
b) Pero, analisi tal-provi kif hawn fuq espost, il-Qorti ma hiex konvinta sal-grad rikjest mill-ligi, illi fiz-zmien tal-mewt ta' Antonia Galea l-konvenuta kienet tirrisjedi flimkien ma din fil-post in kwistjoni. Anzi jidher illi, fuq basi ta' probabilta' l-konvenuta kienet tirrisjedi, flimkien ma' Alfred Micallef u l-familjari ta' dan f'post iehor fil-Gzira. Ghalhekk l-istess konvenuta ma tistax tivvanta illi ghandha tigi kunsiderata bhala inkwilin protetta a basi tal-Kapitolu 69 citat.
c) Tali konkluzjoni hi basata principalment fuq dak li xehdu x-xhieda indipendenti mill-partijiet u mill-istess deposizzjonijiet jidher probabbli hafna illi l-konvenuta meta mietet l-inkwilina, kienet, effetivament tirrisjedi f'post iehor f'Triq Moroni, fil-Gzira.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tordna lill-konvenuta sabiex sal-25 ta' Jannar 2007 tizgombra mill-fond 107, qabel numerat 90, fi Triq Karlu Manche, Gzira in vista li tokkupa l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi u konsegwentement tirrilaxxah liberu u vakanti. In rigward l-ispejjes ta' dawn il-proceduri, dawn jithallsu mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------